MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1831/2005

**Dennis Muscat**

**vs**

**Bassam El Amani**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' elf mija disgha u tletin lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm1,139.16) rapprezentanti kwantu ghal Lm600 arretrati ta' kera dovuta fuq il-fond mikri mill-attur lill-konvenut u cioe 10, MoonWind Triq Nerik Sacco Marsa, kwantu ghal Lm82.16 kontijiet ta' dawl u ilma fuq l-istess fond u kwantu ghal Lm457 hsarat ikkagunati mill-konvenut gewwa l-istess propjeta, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz qabel it-13 ta’ Novembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ elf mija disgha u tletin lira Maltija u sittax il-centezmu (Lm1,139.16) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------